MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 11/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Maria Concetta Bellotti f'isimha proprju u f'isem l-assenti Maryann Bulutin, Liza Toto, Carmen Cini, Doris Cini, Rita Piscopo, Romina Muscat, Daniela Muscat, Vicky Farrugia, Rose Bartolo u Teresa Piscopo**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 24 ta' Jannar, 2003, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond numru 6 fi Triq l-Akjla f'Bormla huwa ta' tmien t'elef Lira Maltija (Lm8000) kif jidher fir-

rapport ta’ Carmen V. Sutton A&CE li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali datata 12 ta’ Frar, 2003, l-imtimati Maria Concetta Bellotti f’isimha proprju u f’isem l-assenti Martann Bulutin, Liza Toto, Carmen Cini, Doris Cini, Rita Piscopo, Romina Muscat, Daniela Muscat u Vicky Farrugia fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u talbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ hdax il-elf Lira Maltija (Lm11000)

Illi l-imtimati Rose Bartolo u Teresa Piscopo ghalkemm notifikati, ma rrispodewx fiz-zmien moghti lilhom mil-Ligi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera ‘l fuq imsemmija u jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).”

Ra illi l-intimati kollha, debitament notifikati bir-rikors promutur, naqsu milli jirregistraw risposta;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi din hija kawza proposta mill-Kummissarju tal-Art sabiex ikun iffissat il-kumpens gust ghat-tehid ta’ fond ghal skopijiet pubblici fi Triq l-Ajkla gewwa Bormla wara li s-sidien irrifjutaw il-kumpens lilhom offert. Kif gia rifless *supra,* l-intimati naqsu milli jirregistraw risposta ghar-rikors promutur pero’ wara illi l-awtorita’ kienet nnotifikathom b’Avviz ghall-ftehim u offrut kumpens ta’ Lm8,000 l-

intimati kollha, hlief tnejn minnhom, wiegbu illi l-kumpens kellu jkun ta' Lm11,000 (ara ittra ufficcjali tat-12 ta' Frar 2003 a fol 15);

Illi jemergi mill-provi illi l-awtorita' esproprijat dan il-fond sabiex minfloku u fondi ohra ssir binja akkomodazzjoni socjali. Perit arkitett inkarigat mill-intimati ddeskriva l-fond bhala dar fuq zewg sulari fuq superfici ta' 160 metru kwadru. Fil-valuttazzjoni tieghu, l-perit arkitett qal fi kliem li din kienet tiswa Lm22,000 u fl-istess waqt wera b'figuri l-valur ta' Lm19,500 (ara fol 18). Il-qisien u deskrizzjoni tal-fond hadhom minghand il-klijenti tieghu stante li ma kienx hemm pjanti ghad-dispposizzjoni tieghu;

Il-Bord ra r-relazzjoni tal-periti membri tieghu assenjati sabiex jassistuh skond il-ligi fejn ikkonkludew illi l-valur ta' kumpens ghat-tehid ta' dan il-fond ghandu jkun fis-somma ta' €35,000. Mistoqsija in eskussjoni ghal-liema perjodu tirreferi din ic-cifra, l-periti membri wiegbu illi l-valutazzjoni tirreferi ghad-data tal-avviz lill-intimati tal-24 ta' Jannar 2003. Teknikament il-valur tal-fond irid ikun skond id-data tan-notifika tal-Avviz ghall-Ftehim jidher illi dan kien notifikat fil-31 ta' Jannar 2003 u ghalhekk certament ma tista' tirrizulta ebda differenza fil-valur fi kwistjoni ta' jiem. Il-periti membri kkonfermaw ukoll li hadu in konsiderazzjoni l-fatt illi dan il-fond jinsab fi *slum area* u wara li sarulhom diversi domandi in eskussjoni baqghu tal-istess fehma fil-valutazzjoni taghhom;

Illi l-kwistjoni li temergi mill-valutazzjoni tal-periti membri hi li ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 88, l-ammont ta' kumpens determinat mill-Bord m'ghandux jeccedi l-oghla ammont ta' kumpens propost minn xi wahda mill-partijiet. F'dan il-kaz, l-intimati kienu talbu kumpens ta' Lm11,000 (€25,623.11) u b'hekk il-periti membri qieghed jipproponu kumpens li huwa ghola minn dak mitlub mill-partijiet. Din il-*proviso* kien introdott b'emenda fil-ligi principali maghmula bl-Att XVII tal-2004 u din il-kawza tirrigwarda esproprju li sehh fl-1999 ghalkemm il-proceduri nbdew fis-sena 2003. Inoltre dan il-provvediment kien dikjarat kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u senjatament kontra l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (ara **Kumm tal-Art vs**

**Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et. PA 27/11/2008)**. Minkejja dan, l-istess provvediment ghadu jaghmel parti mid-disposizzjonijiet tal-Kap 88 u ghalhekk ma jistghax ma jkunx konsiderat minn dan il-Bord. Il-periti membri gustament waslu ghall-valutazzjoni taghhom skond kif jiddettaw ir-regoli li fuqhom jaghmlu tali valutazzjonijiet, pero’ imbaghad l-ligi hi li hi u trid tkun applikata kif inhu d-dover ta’ dan il-Bord. Fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs Direttur tal-Artijiet** deciza mill-Qorti tal-Appell 17.10.2008 l-Qorti rriteniet illi l-valur pretiz mill-esproprijati huwa dak minnhom dikjarat fil-procedura. Ghalhekk fl-ispirtu ta’ din is-sentenza, ma jistghux issa esproprijati jistennew ammont li jeccedi l-pretensjoni taghhom. Il-valutazzjoni tal-periti membri hija prova li t-talba tal-intimati hija wahda gusta;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qieghed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u filwaqt illi jiddikjara lill **Rose Bartolo u Teresa Piscopo** kontumaci fit-termini tal-artikolu 12 tal-Kap 88 kif vigenti fis-sena 2003 jordna lill-intimati kollha sabiex jitrasferixxu favur ir-rikorrenti b’xiri assolut bhala frank u liberu l-fond numru 6 fi Triq l-Akjla f’Bormla versu l-kumpens ta’ hamsa u ghoxrin elf mitejn tlieta u sittin euro u ghaxar centezmi (€25,263.10) ekwivalenti ghall-Lm11,000 mitlub minnhom u dan pagabbli lill-intimati kollha hlief lil Rose Bartolo u Teresa Piscopo li stante l-kontumacja taghhom ghandhom ikunu kumpensati bis-sehem taghhom mil-valur ta’ €18,635 (Lm8,000) oltre l-imghax skond il-ligi;

Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-12 ta’ April 2013 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Leonard Caruana LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------